2026/2494

5.11.2026

DEĊIŻJONI (UE) 2026/2494 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Ottubru 2026

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea biex tingħata assistenza lil Malta u lill-Italja fir-rigward tal-maltempata Harry f'Jannar 2026 u lill-Portugall u lil Spanja wara l-maltempati f'Jannar u Frar 2026

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda ([3]), u b'mod partikolari l-punt 10 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea ("il-Fond") għandu l-għan li jippermetti lill-Unjoni tirrispondi b'mod rapidu, effiċjenti u flessibbli għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza sabiex tintwera solidarjetà mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni milquta minn diżastri naturali reġjonali jew minn emerġenza maġġuri tas-saħħa pubblika.

(2) Il-Fond ma għandux jaqbeż il-limiti massimi stabbiliti fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093, kif emendat mir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765 ([4]).

(3) Fl-10 ta' April 2026, Malta ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond wara l-maltempata Harry f'Jannar 2026.

(4) Fl-10 ta' April 2026, l-Italja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond wara l-maltempata Harry f'Jannar 2026.

(5) Fit-13 ta' April 2026, il-Portugall ippreżenta applikazzjoni biex jimmobilizza l-Fond wara l-maltempati f'Jannar u Frar 2026.

(6) Fis-17 ta' April 2026, Spanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond wara l-maltempati f'Jannar u Frar 2026.

(7) Dawk l-applikazzjonijiet jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja mill-Fond, kif stabbilit fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 2012/2002.

([1]) ĠU L 311, 14.11.2002, p. 3, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2002/2012/oj.
([2]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj.
([3]) ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2020/1222/oj.
([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj).

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Fond jiġi mobilizzat biex jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lil Malta, lill-Italja, lill-Portugall u lil Spanja.

(9) Sabiex jiġi żgurat li l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni tkun tista' ssir disponibbli malajr kemm jista' jkun għall-Istati Membri milquta u biex jiġi evitat kwalunkwe dewmien fil-mobilizzazzjoni tal-Fond, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jenħtieġ li tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2026, il-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi mmobilizzat kif ġej f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament b'rabta mad-diżastri naturali:

(a) l-ammont ta' EUR 3 724 057 għandu jiġi pprovdut lil Malta wara l-maltempata Harry f'Jannar 2026;

(b) l-ammont ta' EUR 74 884 983 għandu jiġi pprovdut lill-Italja wara l-maltempata Harry f'Jannar 2026;

(c) l-ammont ta' EUR 261 483 810 għandu jiġi pprovdut lill-Portugall wara l-maltempati f'Jannar u Frar 2026;

(d) l-ammont ta' EUR 149 055 370 għandu jiġi pprovdut lil Spanja wara l-maltempati f'Jannar u Frar 2026.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill-21 ta' Ottubru 2026.

Magħmul fi Strażburgu, il-21 ta' Ottubru 2026.

Għall-Parlament Ewropew	*Għall-Kunsill*
Il-President	*Il-President*
R. METSOLA	T. DOOLEY